MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 331/2008

**Joseph Zammit (ID 434661 M)**
**vs**
**Philip Bilocca (ID 119464 M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' tlett mija, sebgha u sittin ewro u wiehed u disghin centezmu (€367.91) rapprezentanti din is-somma danni kkagunati mill-konvenut dolozament f'aggressjoni li sehhet fis-17 ta' Novembru, 2007.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Jannar, 2008 u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-

eccipjenti ma kkawza l-ebda danni lill-attur u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fi kwalunkwe' kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-ammont reklamat huwa eccessiv.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-attur, kien l-istess attur li kkawza danni fi proprjeta' ta` l-eccipjent u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Illi l-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn gie mitlub illi l-attur rikonvenut ghandu jhallas s-somma ta' €120 jew somma verjuri ohra li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti danni kkawzati mill-attur rikonvenut fuq proprjeta' tal-konvenut rikonvenjenti senjatament f'nuccali tal-vista tieghu, liema hsara saret f'incident mertu ta' din il-kawza u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz tar-risposta li saret fl-atti ta` l-ittra ufficjali numru 367/08 u bl-imghax legali kontra l-attur rikonvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ghal kontro-talba fejn gie eccepit illi l-pretensjonijiet tal-konvenut rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponent ma kkawza l-ebda danni lill-konvenut rikonvenzjonat u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju d-danni pretizi huma eccessivi u qed jigu kkontestati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra l-affidavit u sema` x-xhieda ta' Joseph Zammit, Georgina Abdilla, Connie Mangion, Cyril Gabaretta , PS 353 Antoine Sacco, Keith Camilleri, Franco Grech, Joanne Zammit u Philip Bilocca.

Ra illi fis-27 ta' Jannar, 2009 l-attur ipprezenta nota ta' riduzzjoni fit-talba ghal €185.70.

Ra illi l-konvenut permezz tad-difensur tieghu fis-seduta ta` l-4 ta' Dicembru, 2008 illimita l-kontrotalba ghall-ammont ta' €106.57.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ghal danni konsistenti ksur ta' zewg pari nuccalijiet tal-vista appartenenti wiehed lill-attur u iehor lill-konvenut. Illi kemm l-attur u kemm il-konvenut kienu ghadhom ma xtrawx nuccali iehor izda t-talba saret a bazi ta' stimi kkonfermati quddiem dan it-Tribunal.

Illi mill-provi rrizulta illi fis-17 ta' Novembru, 2007 l-attur hareg fil-5.30 a.m, ghax-xoghol u kien irritorna lura d-dar wara saghtejn u cioe' fis-7.00 a.m. Illi malli wasal id-dar, il-mara tieghu dehret mifxula u bdiet tagixxi b'mod mhux tas-soltu. Illi meta ra lill-mara mifxula deherlu illi kellu jaghti dawra mad-dar u wara li kien sema` xi hoss ta' bibien ta' gwardarobba jinfethu u jinghalqu fil-kamra tat-tifla, huwa dahal fil-kamra tat-tifla fejn hija kienet ghadha fis-sodda u kif fetah il-bieba tal-gwardarobba sab lill-konvenut mistohbi go fiha. Il-mara spjegaltu illi l-konvenut kien qieghed id-dar sabiex jirranga il-kompjuter. Illi fil-pront l-attur cempel lil-ohtu sabiex hija u ohtu l-ohra jigu d-dar u dawn kienu waslu xi ftit minuti wara. Fil-frattemp il-konvenut baqa' d-dar.

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet bdew jargumentaw u nvolvew ruhhom hut l-attur. Intqal mix-xhieda prodotti mill-attur illi l-konvenut kien xejjer daqqa lill-attur u lill-ohtu u tajjar n-nuccali tal-vista ta` l-attur u fil-pront il-konvenut telaq 'l barra. Sussegwentement, l-attur flimkien ma` hutu marru jaghmlu rapport lill-Pulizija.

Illi fl-affidavit ta` l-attur, xehed illi huwa kellu jaghmel nuccali iehor gdid u l-ispiza kienet tammonta ghal €367.91 izda sussegwentement l-attur xehed illi ma kienx ghadu biddel in-nuccali u kien gab biss stima ta' dak li kien tkisser. Illi t-Tribunal gie muri l-par nuccali li kien tkisser fl-argument li kien svolga.

Illi skont ix-xhieda taz-zewgt ahwa ta` l-attur qalu illi meta waslu d-dar ta' l-attur raw lil Philip Bilocca jillitika ma` l-attur u rawh ifajjar daqqiet ta' ponn fid-direzzjoni ta' huhom u kissirlu n-nuccali. Illi fir-rissa kienet intlaqtet wahda minn hutu mill-konvenut. It-tnejn xehdu illi l-konvenut kien telaq idu f'idu u ma kien halla xejn warajh . Qalu ukoll illi l-attur f'ebda hin ma missu u ma setghux jifhmu ghal liema danni kien qieghed jirreferi il-konvenut.

Illi skont l-istqarrija maghmula *'a tempo vergine'* fl-Ghassa tal-Pulizija u pprezentata in atti tindika illi l-verzjoni moghtija mill-attur dwar kif svolgew il-fatti, hija attendibbli.

Illi skont ix-xhieda ta' mart il-konvenut hija xehdet illi l-konvenut kien gie mitlub sabiex isewwi xi hsarat fil-kompjuter, liema hsara fil-kompjuter l-attur innega. Illi skond Joanne Zammit, mart l-attur *'a tempo vergine'* fl-istqarrija lill-Pulizija qalet illi kienet cemplet lill-konvenut dak inhar stess sabiex jigi jirranga l-kompjuter. Illi mix-xhieda ta' mart l-attur t-Tribunal ghandu jikkonkludi illi Joanne Zammit kienet cemplet lill-konvenut ghas-servizzi tieghu wara l-5.30 a.m. u li l-konvenut kien gie fil-pront. Illi fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribnal ma kkonfermatx dak li kienet qalet fl-istqarrija taghha lill-Pulizija fil-gurnata ta` l-incident. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut illi mart l-attur kienet cemplitlu sa gimgha u nofs qabel u mhux dak inhar.

Mix-xhieda tal-konvenut irrizulta lit-Tribunal illi x-xoghol ewlieni tieghu kien fit-tarzna u huwa kien biss dilettant tal-kompjuters. Illi fil-waqt illi t-Tribunal sema` lill-konvenut jghid illi dik il-gurnata li mar id-dar tal-konvenut huwa ma kienx mar xoghol, l-attrici kienet xehdet illi hija cemplitlu fuq ix-xoghol. It-Tribunal jirrilleva illi fl-istqarrija lill-Pulizija

*‘a tempo vergine’*, mart l-attur ma semmietx ebda hsarat f’nuccalijiet tal-vista izda semmiet biss illi l-attur kien aggrediha. Illi skond mart l-attur fix-xhieda quddiem dan it-Tribunal semmiet illi kien hemm rissa bejn il-partijiet u rat illi entrambi l-partijiet jkissru n-nuccali ta’ xulxin. Kien il-konvenut fl-istqarrija lill-Pulizija li kien semma` illi l-attur kien kissirlu n-nuccali izda rrizulta illi l-konvneut ma ha ebda azzjoni kontra l-attur ghal dan il-ksur hlief wara li rcieva l-avviz mill-attur. Illi l-konvenut kien konsistenti fix-xhieda tieghu u sostna illi l-attur kien kissirlu n-nuccali tieghu.

Illi wara li t-Tribunal sema` x-xhieda ta’ Franco Grech li huwa girien ta` l-attur jikkonkludi illi x-xhieda tieghu hija l-iktar attendibbli. Qal illi ghal habta tad-9.30 jew l-10.30 ta’ fil-ghodu ta` l-incident, huwa sema` hafna ghajjat mid-dar ta` l-attur u mar jara x’kien qed jigri. Illi huwa u tielgha t-tarag ra l-konvenut u ra illi l-attur kellu daqqa fuq rasu. Qal illi huwa ma kienx ra l-konvenut b’ebda griehi u rah liebes nuccali fuq wiccu u ftit wara li tela` Grech, il-konvenut telaq ‘l barra.

Illi skont ix-xhieda tal-konvenut kemm *‘a tempo vergine’* kif ukoll quddiem dan it-Tribunal qal illi l-attur kien kissirlu n-nuccali .

Mill-provi jirrizulta illi n-nuccali ta` l-attur gie miksur fir-rissa izda dwar in-nuccali tal-konvenut it-Tribunal jirrilleva illi jezistu erba’ verzjonijiet konfliggenti. Illi skond l-attur u hut l-attur, l-attur ma kienx miss lill-konvenut, izda skond mart l-attur din tghid illi rat lenti tan-nuccali tal-konvenut miksura ma` l-art ghalkemm fl-istqarrija ma semmiet xejn. Skond ix-xhud Franco Grech huwa qal illi meta ra l-konvenut dan kien liebes n-nuccali u ma kellux griehi.

Illi fix-xhieda tal-konvenut dwar il-fatti huwa jghid illi ma xtaqx jidhol fil-gwardarobba meta wasal d-dar l-attur ghaliex ma kellux ghalfejn jistahba izda gie mgieghel minn mart l-attur peress illi hija kienet bezghet mir-rejazzjoni tar-ragel. Illi kif intebah bih l-attur fil-gwardarobba huwa ried jispjegalu s-sitwazzjoni izda l-attur minflok hebb ghalih. Meta ra lill-attur ihebb ghall-martu huwa mar

sabiex jikkalma s-sitwazzjoni u fil-frattemp wasslu hutu u bdew jaghmlu ghalih. Ma eskludhiex illi fil-konfuzzjoni seta' laqat lill-oht l-attur.

Fil-kawza odjerna t-Tribunal ghandu quddiemu verzjonijiet konfliggenti dwar certi fatti u ghandu dubji serji dwar kredibbilita' ta' whud mix-xhieda. Illi ghalkemm il-konvenut rikonvenjenti sostna sa mill-gurnata ta` l-incident illi n-nuccali tieghu gie miksur, il-provi kollha migjuba jippruvaw il-kontra u illi l-uniku sostenn ta' dak li ntqal mill-konvenut kienet biss stima fil-waqt illi l-attur gab diversi provi in sostenn tal-kaz tieghu. Illi ghalkemm il-konvenut kien konsistenti fix-xhieda tieghu ghandu dubji dwar il-veracita' tal-verzjoni moghtija minnu.

Illi l-attur u hut l-attur qalu illi l-attur ma kienx miss lill-konvenut. Mart l-attur xehdet illi rat lenti miksura ma` l-art izda *'a tempo vergine'* ma kienetx semmiet xejn dwar ksur ta' nuccali tal-konvenut u Franco Grech, il-girien ta` l-attur u martu qal illi kien ra l-konvenut minghajr ebda griehi u bin-nuccali f'ghajnejh.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi ghalkemm l-attur kien ghadu ma xtrax nuccali gdid, kien gab diversi provi dwar il-hsarat fin-nuccali u bbaza l-istima tieghu skond par nuccali simili izda mhux ta' l-istess ditta. Izda t-Tribunal jirrilleva illi l-konvenut rikonvenjenti ma kien gab ebda prova in sostenn tad-danni subiti fin-nuccali tieghu hlief ghal stima mahruga wara li nfethet il-kawza u cioe' f'Awissu ta` l-2008.

Wara evalwazzjoni tal-provi migjuba, t-Tribunal jidhirlu illi l-attur ipprova l-kaz tieghu fil-waqt illi l-konvenut ma gab ebda prova konvincenti lil dan it-Tribunal illi n-nuccali tieghu garrab il-hsarat allegati minnu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal x-xhieda l-iktar imparzjali kienet dik tal-gar Franco Grech li xehed illi huwa ma rax illi l-konvenut kellu xi griehi u li ra li l-konvenut kien liebes nuccali regolari fuq wiccu, ghalhekk it-Tribunal ha jistrieh fuq l-uniku xhud attendibbli u mparzjali li ttellgha f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur limitatament fis-somma kif ridotta mill-attur ta' mija u hamsa u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmi (€185.67), bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, fil-waqt illi jichad il-kontrotalba.

Spejjez tlett kwarti a karigu tal-konvenut u kwart a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------